

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3295/93**
tas-26 ta' Novembru 1993
li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda
 (ĠU L 296, 1.12.1993, p. 43)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 tas-7 ta' Mejju 2013	L 130	1	15.5.2013

▼B**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3295/93****tas-26 ta' Novembru 1993****li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda***Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi ta' kontroll doppju u mas-sorveljanza Komunitarja prijuri u retrospettiva dwar il-prodotti tessili mal-importazzjoni fil-Komunità, it-tagħrif li jorbot tat-tariffi fil-materja tal-klassifika tal-oġġetti fin-nomenklatura magħquda maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana li ma jħarsux iktar dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jiġu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 mill-pussessur tiegħu matul perjodu taż-żmien ta' 60 jum mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk dan il-pussessur ikun ikkonkluda kontratt riferit fil-punti (a) jew (b) tat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. Ġakketta tal-judo tal-ħajt minsuġ tal-qoton 100 % mhux ibbliċjat, magħmula minn żewġ drappijiet ta' piż tqil minsuġin u ta' binja differenti, toqgħod wiesgħa, tinfetaħ għal kollox fuq quddiem, mingħajr qfil. Din il-biċċa ħwejjeġ għandha kmiem twal, b'fet- ħiet laterali mal-ġnub fit-tarf, u rinforzatura fuq ġewwa fil-ġhamla ta' biċċa inforra.</p> <p>Din il-ġakketta għandha rinforzatura minn barra magħmula minn tielet drapp madwar il-għonq u l-ftuħ. Il-biċċa ħwejjeġ tikkonsisti f'żewġ panewwi meħjuta flimkien mal-wisa', bil- panewwa ta' fuq meħjuta wkoll taħt il-kmiem mat-tul.</p> <p>(Ara r-ritratt Nru 522 B) (*)</p>	6204 32 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Gene- rali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nota 8 mal-Kapitolu 62 tan- nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċijiet tan-NM 6204, 6204 32 u 6204 32 90.
<p>2. Purtiera magħmula mir-rakkmu fuq qiegħ tad-drapp li jwas- sal għal 90,2 % tal-piż totali u li tikkonsisti fi 52,7 % għażel u 47,3 % qoton. Il-parti rrakkmata, li twassal għal 9,8 % tal- piż totali, hija 100 % qoton.</p>	6303 99 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Gene- rali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, ► M1 nota 7(d) ◀ u n-nota 2 (B) (ċ) fis-subintestatura tat-Taqsima XI, in- nota 1 mal-Kapitolu 63 u n-Nota 3 fil-Kapitolu 63, bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 6303, 6303 99 and 6303 99 90.



(*) Ir-ritratti huma ta' natura purament illustrattiva.